**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-02 ta' Lulju, 2019**

**Talba Numru: 452/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista:-43**

**Salvu k/a Sammy Fenech (K.I. 296767M)**

**3, Villa Grixti,**

**Dawret in-Nawfragju,**

**San Pawl il-Bahar**

**Vs**

**Miroslav Rodziewiez li b'digriet moghti llum fis-16 ta' Frar 2018 gie kjamat in kawza Adventurer Limited**

**Adventure Malta and Gozo Centre,**

**Malta Nurkawarie,**

**Bugibba Square,**

**Bugibba**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fis-26 ta' Settembru, 2017 fl-ismijiet premessi li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi ordnat ihallsu s-somma ta' tmien mija u erbatax-il ewro u ghoxrin centezmu (€814.20c) rapprezentanti ta' servizzi li renda l-attur permezz ta' vjagg bid-dghajsa tieghu; li fuq dan il-vjagg kien hemm ammont ta' ghaddassa li ghamlu zewg 'recreational dives' u 'technical dive' wahda; li l-ghaddasa ibbukkjaw dan

il-vjagg fuq id-dghajsa mal-attur tramite l-konvenut gewwa l-Adventure Malta u l-Gozo Diving Centre; li l-konvenut organizza dan il-vjagg hu u kien prezenti waqtu personalment.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha l-konvenut (fol. 11) eccepixxa li preliminarjament il-konvenut qieghed jikkontesta l-validita' tan-notifika stante li huwa ma jifhimx bil-lingwa Maltija. Dan huwa maghruf lill-attur kemm ghax jafu personalment kif ukoll stante li l-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta mibghuta mill-attur kienet giet imwiegba bl-Ingliz kif ukoll bil-Malti; li preliminarjament il-konvenut jecepixxi li m'huwiex il-legittimu kuntradittur stante li d-dghajsa kienet tinkera mill-kumpanija Subway Scuba Limited u li ghaliha l-konvenut kien jipprovdi s-servizzi tieghu biss u dan terga ghan-nom tal-kumpanija tiehu Adventurer Limited; li minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut ghan-nom tal-kumpanija Subway Scuba Limited dakinhar stess mar biex ihallas lill attur is-somma mifthema ghal vjagg ossia l-ammont ta' tlett mitt ewro (€300) izda l-istess attur ma accettax ghax ried jithallas is-somma ta' tmien mija u erbatax-il ewro (€814) u dan minghajr l-ebda raguni valida. Li waqt l-istess vjagg minhabba l-agir pastaz, arroganti u abbuziv tal-istess attur (u rapprezentanti tieghu) kien hemm diversi bughaddasa li talbu u nghataw rifuzjoni li rrizulta f'telf finanzjarju ta' hames mija sebgha u sebghin ewro u hamsin centezmu (€577.50c).

Ra l-verbal a fol 17 li permezz tieghu l-konvenut permezz tal-avukat tieghu ddikjara li skont hu l-legittimu kontradittur hija s-socjeta' Subway Scuba Limited u l-istess a fol 18 tal-process.

Ra l-verbal a fol 18 li permezz tieghu l-avukat tal-attur talab li jigi awtorizzat isejjah fil-kawza lill-Adventurer Limited u t-Tribunal laqa' din it-talba.

Ra li s-socjeta' Adventurer Limited giet debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba izda naqset li tikkontesta t-talba.

Ra x-xhieda tal-attur a fol 34 et li permezz tieghu l-attur xehed li li fis-17 ta' April, 2016 cempillu l-konvenut u staqsih il-Hadd hux available bid-dghajsa tieghu biex johodlu d-

divers. Dakinhar ma kellu xejn u l-konvenut ibbukja l-gurnata. Qalu li ghandu tmintax-il diver ghal Kemmuna. Il-Hadd filghodu dahhalha mal-moll jistennieh u ra hafna divers mhux tmintax biss. Meta staqsieh hux dawn hux kollha mieghu l-konvenut qallu le ghax gejja dghajsa ohra. Xi ghaxar minuti wara l-konvenut qallu li d-dghajsa l-ohra mhix gejja u li l-group iehor ta' tmintax ohra ma kellux biex johodhom u talbu johodhom hu bid-dghajsa. L-attur jghid li avza lill-konvenut li huwa ma setax jiccargjah ta' tmintax il-diver biss. Il-ftehim huwa li sa ghoxrin ruh l-prezz ikun ta' tlett mitt ewro (€300) plus VAT. A fol 35 huwa jghid tlett mitt ewro (€300) ghal tmintax-il diver.

L-attur spjega li l-ewwel group kien ta' recreational divers u t-tieni group kien ta' technical divers u d-differenza hija li recreational ikollhom zewg cilindri kull diver, l-ewwel cilindru ghall-ewwel dive u clindru iehor ghat-tieni dive. Ir-recreational ikunu bil-bridlers bl-istages.

A fol 15 ergo l-attur spjega li l-ftehim kien li kienu ser ikunu sittax-il diver technical u tmintax-il diver recreational. Huwa spjega li sa ghaxra technical divers l-ammont huwa ta' tlett mitt ewro (€300) plus VAT u peress li kien hemm sitt technical divers extra dawn jammontaw ghal ghaxar ewro (€10) kull wiehed. Huwa prezenta ritratti li juru kemm kien hemm divers dakinhar u anke l-invoice.

L-attur jghid li huwa gieli hadem mal-konvenut u s-soltu jhallsu cash u jaghmillu l-ircevuta. Meta dakinhar tah l-ircevuta l-konvenut qallu li ma kellux bizzejjed flus u li kien qed jara l-kont hafna. Meta l-attur fakru li qabel telqu l-kont ma kienx ser ikun bhas-soltu l-konvenut qallu 'issa narak il-Qorti'.

L-attur jghid li kemm il-darba l-konvenut qallu biex jirrangaw barra l-Qorti izda tlett mitt ewro (€300) biss ried joffrilu u huwa ma accettax.

A fol 38 ergo xehdet Sandra Fenech mart l-attur li dakinhar kienet mieghu meta sar dan il-vjagg. Xehdet li sabu hafna divers aktar mit-tmintax li kellu jghabbi u l-konvenut qallu li kellu dghajsa ohra u ma gietux. Zewgha qallu 'Taf kemm ser jigik il-prezz' u l-konvenut wiegbu li jaf li ser jigi ghola u li ma kienetx problema.

Ix-xhud tghid li l-invoice baghtuha lil kumpanija izda li l-bookings dejjem mill-konvenut saru u l-hlas isir minnu fuq id-dghajsa. Kif ra l-kont il-konvenut beda jaqbez u qalilha li "That's too much u see you in court". Il-konvenut inghata u accetta l-invoice.

A fol 41 l-invoice prezentat mill-attur jirrizulta li kienet indirizzata lill-Adventurer Malta & Gozo Diving Centre. Li tali invoice turi li saru zewg recreational dives ta' ghoxrin persuna fl-ammont ta' tlett mitt ewro (€300); u technical dive wahda ta' 10 persuna ghal tlett mitt ewro (€300) u sitt divers extra bl-ammont ta' hmistax-il ewro (€15) kull diver. Dawn saru fejn hemm mgharraq l-Imperial Eagle.

Fil-price list a fol 42 jirrizulta li *any two dives on Imperial Eagle* sa ghoxrin persuna nkluz l-instructors hija ta' tlett mitt ewro (€300) plus VAT. Tali lista tghid ukoll '*If the number of persons aboard the boat including guests and instructors exceeds twenty an extra fifteen euro (€15) per person will be charged. If there will be any passengers incl. instructors who are equipped with twin sets/rebreathers an extra charge of ten euro (€10) per person will be charged.' 'any technical dive on HMS Eddie, HMS Southwold, Polinesian Bleinhem Bomber & HMS Stubborn (up to 10 persons incl instructors) three hundred euro (€300) plus VAT* u *'in the above technical diving trips if the number of persons incl. instructors exceeds ten an extra charge of fifteen euro (€15) per person will be charged.'*

A fol 47 l-attur prezenta dokument li l-konvenut kkonferma fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2019 li hija l-firma tieghu u li permezz taghha spjega li l-prezz miftiehem mal-attur kien ta' tlett mitt ewro (€300); li saru zewg recreational dives u li technical dives ma sarux ghax dive kienet sa erbghin (40) metru u dive ohra kienet ta' tmintax-il metro.

A fol 52 il-konvenut xehed li huwa agixxa ghan-nom ta' Adventurer Limited u l-arrangament mal-attur kien li fis-17 ta' April, 2016 kien li jghabbi tmintax (18) recreational dives minn Bugibba ghal Kemmuna ghal prezz miftiehem ta' tlett mitt ewro (€300) eskluz VAT. Huwa xehed li gieli ghamel negozju mal-attur. Huwa jammetti li kien ibbukja ghan-nom tal-istess kumpanija huwa jammetti li kien ibbukkja dghajsa ohra ghal sittax-il technical diver izda d-dghajsa ma waslitx u l-attur accetta li jghabbihom izda skont hu l-arrangament kien li dawn jaghmlu recreational dive mhux technical dive u l-attur accetta. Ghalhekk kien hemm trip wiehed u dan kien ghal recreational diving

purposes. Meta l-attur tah il-kont huwa ma qabilx mieghu u l-attur spjegalu li t-tieni group ghamel technical dive u mhux recreational dive izda huwa ma jaqbilx ma' dan stante li l-attur ma jipprovdix technical dives fejn hemm l-Imperial Eagle u dan kif jirrizulta mill-price list tal-istess attur. Inoltre l-konvenut jghid li technical dives jibdew minn aktar minn erbghin (40) metru fond mentri s-sit fejn hemm l-Imperial Eagle huwa ta' circa tnejn u tletin (32) metru fond.

In kontro-ezami l-konvenut jikkonferma dak li xehed dwaru fl-affidavit u li jaqbel li ghandu jhallas tlett mitt ewro (€300) ghal zewg recreational dives, u li jhallas ghal sittax-il diver bil-prezz ta' hmistax-il ewro (€15) kull diver cioe' l-ammont ta' mitejn u erbghin ewro (€240) u ghalhekk it-total li lest li jhallas huwa ta' hames mija u erbghin ewro (€540) plus VAT. Huwa ma jaqbilx li s-sittax-il diver extra ghandhom jigu kunsidrati bhala technical dive.

Fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2019 l-partijet ghalqu l-provi u trattaw il-kawza.

Ikkunsidra

Li l-attur joffri servizz ta' garr ta' divers fuq id-dghajsa tieghu. Li l-attur mhux l-ewwel darba li ghamel negozju mal-konvenut. Li l-arrangament bejniethom kien li fis-17 ta' April, 2017 huwa jiehu group ta' ghoxrin diver fuq is-sit fejn hemm l-Imperial eagle. Gara li dakinhar l-attur kellu dghajsa ohra bbukkjata ghal divers ohra li kienet ser jaghmlu technical dive izda d-dghajsa ma gietx u bi qbil mal-attur dawn id-divers tghabbew fuq id-dghajsa tal-attur. Dawn kienu jammontaw ghal sittax-il diver iehor bl-apparat ta' technical divers.

Gara li dawn id-divers kollha ttiehdu fuq is-sit fejn hemm l-Imperial Eagle u l-attur wara li saret il-mawra ghadda l-kont lill-konvenut li rrifjuta li jhallsu stante li skont hu l-arrangament kien li huwa jigi ccargjat bhala recreational dive u mhux bhala technical dive kif turi l-price list tal-istess attur a fol 54 u dik esebita mill-attur stess a fol 42.

Tali price list kif prezentata mill-attur stess a fol 42 tghid hekk:

*Any two dives on Imperial Eagle…….three hundred euro (€300) + VAT, if the number of persons aboard the boat including guests and instructors exceeds twenty an extra fifteen euro (€15) per person will be charged. If there will be any passengers incl. instructors who are equipped with twin sets/rebreathers an extra charge of ten euro (€10) per person will be charged.*

Tali price list tghid ukoll fost ohrajn:

*'any technical dive on HMS Eddie, HMS Southwold, Polinesian Bleinhem Bomber & HMD Stubbord (up to 10 persons incl instructors) three hundred euro (€300) + VAT.*

Tghid ukoll*: 'in the above technical diving trips if the number of persons incl. instructors exceeds ten, an extra charge of fifteen euro (€15) per person will be charged.*

*All additional charges are excluding'.*

Illi ghalhekk ghandu ragun il-konvenut meta jghid li d-dive kienet ghal fuq is-sit fejn hemm l-Imperial Eagle din ma tikwalifikax bhala technical dive. Veru li l-attur jargumenta li din kienet technical dive minhabba li l-equipment li kellhom in-nies addizzjonali li ghabba kellhom tali equipment li jkun aktar fl-ammont minn dak ta' dive normali izda ghal dan jaghmel tajjeb ukoll l-price list tal-istess attur u jiccargja extra ghaxar ewro (€10) kull persuna.

Ghaldaqstant skont l-istess price list esebita mill-attur l-ammont dovut huwa dan:

Tlett mija u tmenin ewro (€380) inkluz VAT ta' zewg recreational dives (sa ghoxrin persuna)
Sittax-il divers extra bil-prezz ta' hmistax-il ewro (€15) kull persuna plus VAT li jammontaw ghal mitejn u erbghin ewro (€240) plus tlieta u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€43.20c) VAT li jigu mitejn tlieta u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€283.20c)

Ma saret ebda prova li dawn is-sittax -il diver kellhom twin sets/rebreathers u ghalhekk din l-extra charge fuq il-price list dan it-Tribunal ma jistax jikkunsidraha.

Li ghalhekk l-ammont dovut lill-attur huwa ta' sitt mija u tlieta u sittin ewro u ghoxrin centezmu (€663.20c) VAT inkluz.

Issa jonqos il-kwistjoni dwar min mill-konvenuti ghandu jhallas dan l-ammont. Il-konvenut jghid li mhux hu izda s-socjeta' kjamata fil-kawza.

**L-artiklu 780 tal-Kap 12** jipprovdi illi *"l-eccezzjoni dwar l-illegittimita tal-attur jew tal-konvenut tista tinghata meta l-wiehed jew l-iehor huwa inkapaci skont il-ligi biex joqghod f'kawza inkella biex iharrek jew jigi mharrek fl-isem u fl-interss ta' haddiehor minghajr ma jkun awtorizzat skont il-ligi ghaldaqshekk."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et Qorti tal-Appell 5.10.2001** dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur, dik il-Qorti sostniet li:

*Biex jigi stabbilit jekk part in kawza kientx jew le legittimu kontradittrici l-parti l-ohra l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk l-persuna citat fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li skond l-attur holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

L-istess fil-**kawza Av Michael Psaila noe vs Joseph Pace deciza 3.10.2008 Prim Awla per Imh Valenzja kawza 1236/07 fejn** il-Qorti sostniet li: *Min jeccepixxi li hu mhux l-legittimu kontradittur jehtieg li jipprova li hu ma kienx l-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu ma kienx dahal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'ghadx ghandu tali rapport. "*

Illi sabiex tigi stabilita' jekk in-negozju sarx mal-konvenut jew mas-socjeta' kjamata fil-kawza t-Tribunal jaghmel referenza ghas-segwenti decizjonijiet:
**Camel Brand Co Ltd v Debono Michael deciza Prim Awla fil-21 ta' Marzu 2002:**

*"Meta negozju jkun gestit minn socjeta b'responsabilita limitata u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekdwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

**Kawza Anthony Caruana et vs John Magro et Appell 6.10.1999**: *in linea ta' principju generali illi fil-kontrattazzjonijiet tezisti l-presunzjoni li bniedem normalment jikkontratta ghalih innifsud sakemm ma jindikaw li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax li qegihed jikkontratta f'isem haddiehor jewjekk dan ma jindikahx espressament l-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qed jikkontratta f'isem haddiehor.*

**Kawza Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice et Appell 6.10.1999**: f'kaz bhal dan il-prova kuntrarja li twaqqa' s-suesposta presunzjoni tinkombi lill-persuna li jkun qed jidher f'isem u ghan-nom ta' haddiehor. *"Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qed jagixxi bhala mandatarju ta' haddiehor imma wkoll kellu jipprova li tali fatt kien gie a konoxxenza tal-persuna li maghha jkun qed jikkontratta u dana sal-mument meta l-ftehim ikun gie finalizzat".*

**Kawza Joseph Grech vs Domenico Savio Spiteri et Appell 25.5.2001**: *"Certament ma kienx bizzejjed li l-appellant jafferma dak li kien apparentement maghruf lilu biss u cioe' l-ezistenza tas-socjeta' qua gestitrici tan-negozju izda li ma kienx maghruf lil terzi fosthom lill-appellat".*

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut dejjem agixxa personalment u ebda prova jew ircevuta ma gab (tenut kont li din ma kienetx l-ewwel darba li sar negozju mal-attur) li jipprova dan; inoltre fol 47 esebit u konfermat mill-konvenut bhala l-firma tieghu juri bic-car li huwa kien qed jagixxi ghan-nom tieghu personali u mhux ghan-nom tal-kumpanija.

Li ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-konvenut li huwa mhux il-legittimu kontradittur qed tigi michuda.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut li huwa mhux il-legittimu kontradittur u jilqa' in parte t-talba tal-attur li l-konvenut personalment ghandu jhallas lill-attur l-ammont dovut rapprezentanti tas-servizzi rezi mill-attur lill-konvenut u ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi u jaqta' li l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur huwa ta' sitt mija u tlieta u sittin ewro u ghoxrin centezmu (€663.20c) VAT inkluz bl-imghaxijiet legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**